MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 353/2009/1

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**v.**

**1. Euro Concrete Blocks Limited (C 16202); 2. Emmanuel u Carmen mizzewgin Aquilina u b'digriet tad-19 ta' April 2010 l-atti, minflok Emmanuel Aquilina, gew trasfuzi f'isem Mark Aquilina, Sandro Aquilina, Silvana Naudi f'isimha proprju l-imsemmija Louis u Silvana Naudi ghan-nom tal-minuri Benjamin Naudi stante l-mewt ta' Emmanuel Aquilina; 3. John Aquilina; 4. Wied Incita Quarries Limited (C 14472); 5. Debattista, Debattista & Schembri Limited (C 3907); 6. Sand & Gravel Limited (C 337); 7. Silmarsand**

**Holdings Limited (C 11847); 8. Rainbow Mix Concrete Limited (C 6763)**

Illi permezz ta’ rikors guramentatipprezentat fis-7 ta’ April 2009, l-istess socjeta` attrici talbet minghand il-konvenuti, fost talbiet ohrajn, il-hlas tas-somma ta’ €1,086,344.29, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Jannar 2009, sad-data tal-pagament effettiv, u l-hlas tas-somma ta’ €470,533.43, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Jannar 2009, sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti bilanc ta’ self li gie minnha moghti skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta’ diversi kuntratti ffirmati mill-partijiet;

Illi permezz tar-risposta guramentata taghhom, il-konvenuti kkontestaw it-talbiet attrici kif dedotti billi eccepew fost ohrajn – senjatament fit-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet taghhom – illi l-ammont pretiz mill-appellata kien inkorrett, zbaljat, eccessiv u kien jinkludi fih imghaxijiet li gew ikkalkulati hazin u in eccess mil-limitu massimu impost mil-ligi;

Illi permezz ta’ rikors tat-12 ta’ Frar 2013, il-konvenuti talbu lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex joghgobha tawtorizza lill-istess konvenuti sabiex, f’dak it-terminu qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dik l-istess Qorti ghal dan l-iskop, jipprezentaw risposta ulterjuri dwar in-nullita` tal-kuntratti tas-27 ta’ April 2004, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;

Illi permezz ta’ digriet tas-16 ta’ April 2013, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors taghhom tat-12 ta’ Frar 2013, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

“Din il-Qorti kif presjeduta taghmel taghha r-ragunijiet illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet taghha tal-14 ta` Frar 2013 fil-kawza *Bank of Valletta p.l.c. vs Sand & Gravel Limited et* (Rik. Gur. Nru. 649/2010 MCH) meta cahdet talba simili li l-istess konvenuti fil-kawza tal-lum kienu ghamlu f`dak il-procediment. Ghalhekk filwaqt li

tikkondividi l-fehma espressa f`dak il-provvediment dwar it-tifsira tal-Art 1226 tal-Kap 16, hija wkoll tal-fehma illi kif jipprovdi l-Art 782(1) tal-Kap 12, il-konvenuti kellhom jaghtu *in limine litis* fir-risposta guramentata taghhom l-eccezzjoni li qeghdin jitolbu illi jressqu f`dan l-istadju tal-kawza.  Din il-Qorti mhijiex sejra takkorda t-t-talba tal-konvenuti skond it-tieni parti tal-Art 782(2) tal-Kap 12 ghaliex mhijiex  sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex il-konvenuti ma tawx qabel l-eccezzjoni li qeghdin jitolbu illi jressqu llum.”

Wara li ottjenew id-debitu permess mill-ewwel Qorti, il-konvenuti appellaw minn din id-decizjoni u talbu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, li din il-Qorti joghgobha:

“... ... tilqa’ dan l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka d-digriet tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ April 2013 u tghaddi sabiex tilqa’ t-talba tal-esponenti kif dedotta fir-rikors taghhom tat-12 ta’ Frar 2013 u ghalhekk tawtorizza lill-istess esponenti sabiex, f’dak it-terminu qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-istess Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jipprezentaw risposta ulterjuri dwar in-nullita` tal-kuntratt tas-27 ta’ April 2004, esebit bhala **Dok. B** mar-rikors guramentat promotorju tal-kawza, u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi u bl-ispejjez kontra l-appellat.”

Il-Bank attur issottometta, ghar-ragunijiet minnu premessi, illi l-appell ghandu jigi michud;

Wara li semghet lid-difensur tal-partijiet, u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti l-Qorti sejra issa tghaddi ghad-decizjoni taghha rigward il-meritu ta’ dan l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta’ dan l-appell hu simili ghal dak deciz ricentement minn din il-Qorti fil-kawza **Bank of Valletta plc v. Sand & Gravel Ltd**, fil-25 ta’ Ottubru 2013. Ghall-istess ragunijiet dedotti f’dik is-sentenza, li ghalihom din il-Qorti taghmel referenza u qed tadotthom ghall-fini ta’ din il-kawza, l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud.

B’riferenza ghal dik is-sentenza, id-difensur tal-konvenuti appellanti, waqt l-udjenza quddiem din il-Qorti, ressaq kritika fis-sens li l-punt in kontroversja huwa wiehed legali u mhux ta’ fatt, u din il-Qorti ma kellhiex tirrimanda l-apprezzament taghha tal-fatti ghal dak deciz mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti, pero`, analizzat hi wkoll ic-cirkostanzi li wasslu ghall-kawza, u qablet mal-ewwel Qorti li ma kienx jirrizulta “raguni tajba” ghala kellu jinghata permess eccezzjonali ghal presentata ta’ eccezzjoni ulterjuri. Il-punt mhux daqstant legali, izda aktar wiehed ta’ fatt, u cioe`, jekk jezistux ragunijiet validi li jiggustifikaw il-prezentata ta’ eccezzjoni ulterjuri. Hu f’dan il-kuntest li din il-Qorti fis-sentenza l-ohra, u li qed tirribadixxi f’din, osservat li:

*“L-ewwel Qorti, li lilha ssirilha talba ghall-produzzjoni ta’ eccezzjoni ulterjuri, hija fl-ahjar pozizzjoni li tiddeciedi fuq il-validita` tar-raguni, u dan peress illi hi tkun bdiet tisma’ l-kawza u tkun bdiet ikollha ‘feel’ tal-partijiet u l-kaz, u tkun ghalhekk, tista’ taghmel evalwazzjoni tajba tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.”*

Intqal ukoll, mid-difensur tal-konvenuti appellanti, li fis-sentenza precedenti ma nghatax piz bizejjed lill-“ammissjoni” tal-ufficjal tal-bank li f’xi kalkoli inhadem b’imghaxijiet komposti. Din il-Qorti, pero`, osservat li, indipendentement minn x’qal jew ma qalx l-ufficjal tal-bank, il-konvenuti kellhom *“il-konoxxenza tal-fatt u kellhom kull opportunita` jecepixxu n-nullita`, izda, ghar-ragunijiet li jafuhom huma biss, naqsu li jipprocedu skont il-ligi.”*.

Dak li qal l-ufficjal tal-bank ma kinitx xi haga gdida u ma kinitx zgur sorpriza ghall-konvenuti appellanti, ghax kif gie spjegat fis-sentenza l-ohra, kienu jafu jew kellhom ikunu jafu bil-mod kif kien isir l-kalkolu mill-bank. Ma tezisti allura ebda “raguni valida” ghala l-aggravji taghhom marbuta mal-kuntratt tas-27 ta’ April 2004, ma gewx sollevati fi stadju opportun.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess, u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti u mas-sentenza ta’ din il-Qorti ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------